

# Il-Mellieħa f'Settembru 1856 – ritratt ta' 155 sena ilu

Evarist Bartolo

Il-Konti Michel-Jean Borch li għex bejn l-1751 u 1810 kien żar Sqallija u Malta fejn fost affarijiet oħra laqtu ħafna l-għasel tal-Mellieħa. Fi ktieb li xandar fl-1782 waqt li faħħar il-larinġ aħmar u ż-żahar tal-larinġ li l-Ordni tal-Kavallieri kienet tibgħat lill-familji rjali tal-Ewropa, isemmi kemm kien delizzjuż l-għasel li kien jinħadem fl-inħawi tal-Mellieħa.

L-għasel li jsemmi il-Konti Borch turina li fl-inħawi tal-Mellieħa kien hemm nies jgħixu u jaħdmu l-art u jrabbu anki n-naħal għall-għasel qabel ma reġa' kiber ir-raħal u bdew jiġu joqogħdu fih minn postijiet oħra f'Malta.

Kellhom jgħaddu iżjed minn 70 sena miż-żjara ta' Borch biex nieħdu ħjiel x'tip ta' ħajja kienu jgħixu n-nies tal-Mellieħa li bdiet tieħu l-forma ta' raħal mill-ġdid meta l-Gvern Imperjali Britanniku ddeċieda li Malta kienet iffullata wisq f'ċerti nħawi ta' Malta iżda kienet vojta fin-naħat ta' fuq li kienu ġew abbandunati iżjed minn 500 sena qabel minħabba li n-nies kienu jibżgħu li jinżlu l-pirati u jieħduhom bħala lsiera.

Wieħed mill-persuni li jgħidilna dwar il-ħajja tal-Melleħin fl-ewwel snin tar-raħal il-ġdid li twieled fis-seklu 19 huwa l-avukat, librar u arkeologu Cesare Vassallo li kiteb djarju dwar x'ra b'għajnejh fil-Mellieħa meta għex fil-palazz ta' Selmun f'Settembru 1856. Paul P. Borg jgħidilna dwar Vassallo fil-ktieb li kiteb dwar Selmun u l-inħawi.

Vassallo żar il-Mellieħa nhar il-5 ta' Settembru 1856 u sema' li kien hemm raġel li qed imut bil-kolera li kienet laqtet lil Malta dak iż-żmien. F'Malta mhix l-ewwel darba li tfaċċat il-kolera u qatlet ħafna nies. Bejn l-1854 u 1856 reġgħet tfaċċat Malta iżda żgur mhux bl-istess qawwa tal-1837 meta kienet qatlet 4,253 ruħ. Il-kolera bħala infezzjoni jista' jkun li kienet tasal minn barra minn Malta u mbagħad tinxtered bil-ħmieġ mal-ikel u l-ilma. Il-kolera tinxtered l-iżjed fejn hemm il-ħmieġ.

Il-Mellieħa tal-1856 ma kellhiex sistema tad-drenaġġ u tal-ilma u żgur li l-iġjene pubblika kienet bħal fil-bqija tal-pajjiż: ma teżistix kemm għax kien għadhom ma daħlux drawwiet ta' kemm l-indafa u s-saħħa jmorru flimkien u anki minħabba l-faqar kbir li kien għad hawn f'pajjiżna dak iż-żmien. Vassallo li kien fir-raħal dakinhar li kien qed imut Mellieħi bil-kolera kien inkwetat li l-kolera setgħet tinxtered qalb in-nies ta' Selmun li kienu jiġu l-Mellieħa għall-quddies u għal talb ieħor fil-knisja. Wara din il-mewt bil-kolera n-nies ta' Selmun għamlu żmien ma jersqux lejn il-knisja fil-Mellieħa.

Vassallo jinnota wkoll kif in-nies kienu jitħallew f'injoranza kbira, mimlijin superstizzjonijiet, beżgħana u jgħidu talb bil-Latin bl-amment bla ma jafu xi jfisser. Imma Vassallo josserva li din l-injoranza ma kinetx tezisti biss f'xi raħal żgħir bħall-Mellieħa iżda anki fi bliet ikbar bħal Birkirkara fejn kien jisma' qassisin ireddnu bil-Latin imkisser bla ma jafu x'qed jgħidu. Huwa jgħid li f'sitwazzjoni bħal din ma kontx tistagħġeb imbagħad li anki l-fidili kienu jirrepetu l-Latin imkisser u bla sens li kienu jgħidu l-qassisin. Jgħid li l-Latin li kienu jużaw "iġiegħel anki lill-ġebel jidħak!"

Meta Vassallo kien qed jgħix Selmun sab li ma kienx hemm qassis tal-post jgħix hemm u dak li kien hemm ġie għax dik il-ħabta kellu xi jgħid mal-kappillan tal-Mellieħa u mar jgħix Selmun biex ikun 'il barra mill-Mellieħa. Isemmi l-kant stunat waqt il-vespri u l-prietki mimlijin superstizzjonijiet li kienu anki jmorru kontra t-tagħlim tal-knisja stess u bil-fidili jispiċċaw jemmnu dak li jgħidilhom il-qassis li ma kienx jaf x'inhu t-tagħlim huwa stess tal-knisja u li kellu bżonn jiġi edukat hu stess qabel jipprova jeduka lill-oħrajn ta' madwaru.

Vassallo jikteb dwar il-ħmieġ kbir li kienu jgħixu fih in-nies qalb il-ħmieġ tagħhom stess u tal-annimali li kienu jgħixu magħhom fl-istess għerien fejn kienu jgħixu jew fl-irziezet iż-żgħar li kellhom. In-nies kienu jorqdu fuq it-tiben qalb il-briegħed, u bħala lożor kienu jużaw l-ixkejjer.

Vassallo jiddeskrivi s-sriebet ta' nies għaddejjin minn ħdejn Selmun fi triqithom lejn is-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa ġejjin minn kull naħa ta' Malta fuq il-karrettun biex jirringrazzjaw lill-Madonna għal xi grazzja li jemmnu li qalgħetilhom u li salvathom minn xi problema kbira. Kienu jġorru magħhom xi tifkira jew pittura żgħira biex iħalluha fis-Santwarju bħala radd il-ħajr għall-grazzja li jkunu qalgħu.

Maż-żmien ħafna minn dawn it-tifkiriet inqerdu għax ma kinux apprezzati. Kien hemm pitturi li kienu jsiru b'mod artiġjanali fuq xi kartun u mhix l-ewwel darba li iżjed minn 50 sena ilu ġie li mesħu l-art u xxuttaw l-ilma li kien jaqa' fis-sagristija billi jużaw dak il-kartun bit-tpinġija fuqu għax kienu meqjusa "sempliċi kartun impenġi" u mhux ta' valur.

Waqt il-kważi xahar li qatta' Vassallo f'Selmun f'Settembru tal-1856 jara kif qed isiru xogħlijiet fuq triq bejn San Pawl il-Baħar u l-Mellieħa biex titwessa' u jkunu jistgħu jgħaddu n-nies u l-karrettuni għax sa dak iż-żmien kien hemm iżjed mogħdija fil-blat milli triq. Fis-sena 1854 il-gvern kien ivvota s-somma ta' 300 lira għat-triq u x-xogħlijiet saru tliet snin wara. Din it-triq bdiet tagħti ħajja ġdida lill-Mellieħa u żiedet il-kuntatt tar-raħal mal-bqija ta' Malta.

Vassallo ħa gost ukoll jara inħawi madwar il-Mellieħa jiġu mimlija bil-ħamrija biex jibdew jintużaw għall-biedja flok blat għeri u niexef. Il-ħamrija kienet tinġabar mill-ħofor qalb il-blat li kienu jipproteġu lill-ħamrija milli tinġarr mir-riħ u mix-xita lejn il-baħar.

Vassallo jikteb li dak iż-żmien fil-Mellieħa kienu jgħixu 900 ruħ. Kien għad hemm nies jgħixu fl-għerien. Iżda kienu wkoll bdew jinbnew id-djar. Id-djar kienu mibnija 'l bogħod minn xulxin. Jgħid li kienu mibnijin sabiħ, anki dawk umli. Il-ftit ħwienet li kien hemm kienu mimlijin u r-raħal kien kwiet u l-ħajja fih kienet kalma ħafna.


# Il-Bar tal-Każin tal-Banda Imperial

*Għal xarba ġenwina mal-ħbieb*
*jew għal ikla ġenwina*
*(tistgħu tordnaw fniek u laħam taż-żiemel)*

***7, Pjazza tal-Parroċċa, il-Mellieħa***
***Tel: 2152 3467***

*Il-familja Gauci,*
*tawgura l-Festa t-tajba lil kulħadd.*